Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 27/2015 AE

**Renald Attard** **(appellat)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija** **(appellant)**

31 ta' Ottubru 2016.

Renald Attard applika biex jinghata liċenza ta' gwardjan privat li ġiet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija a bazi tal-artiklu10(a)(i) u 10(b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-interess pubbliku minhabba sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali. Is-sentenzi in kwistjoni huma dawn:

1. Sentenza tat-13 ta' Gunju 2002, fejn tpoġġa taħt **ordni ta' *probation* ghal tmintax-il xahar** wara li ammetta illi fit- 13 ta' Marzu 2002 u matul is-sitt xhur ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu raza meħuda mill-pjanta tal-cannabis;

2. Sentenza tal-11 ta' Mejju 2009, li **lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar** wara li ammeta illi fit-22 ta' Settembru 2004 u l-granet ta' qabel kellu fil-pussess tieghu raza meħuda mill-pjanta tal-cannabis;

3. Sentenza tas-16 ta' April 2012, li **liberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien tmintax-il xahar** wara li ammetta li fl-1 ta' Lulju 2011 ikkommetta ħsara volontarja għad-dannu tal-Kumpanija Methode Electronics.

Attard appella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'rikorsipprezentat fl-4 ta' Mejju 2015 bl-aggravju li:

(i) ma' jaqbilx mad-deċiżjoni ukoll minħabba illi ir-rifjut huwa

bbazat fuq l-artiklu 10(a)(i) illi jitratta fuq delitti serji bħal dawk kontra is-sigurta tal-Istat, jew omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna, jew offiża gravi fuq il-proprjeta liema ħsara teċċedi l-€2329.37, jew delitti gravi oħra illi qatt ma wettaq;

(ii) kellu madwar għoxrin sena meta nstab ħati li kellu pussess ta' droga ghall-użu personali. Dan kien iktar minn għaxar snin ilu. Filwaqt li jammetti li żbalja huwa jiċħad li qatt kellu problema ta' droga imma kien biss stadju ta' bluha ta' żagħżugħ li kien u llum li għandu kważi erbgħa u tletin sena rabba l-għaqal u jitlob li jingħata ċans ieħor;

(iii) fis-sena 2011, meta kien jaħdem mal-Methode Electronics, kien qiegħed fuq magna li bdiet tieqaf bil-ħsara kontinwament u l-ma kienx qiegħed ilaħħaq mal-production u f'waqt ta' frustrazzjoni ta daqqa fuq il-monitor tal-magna u b'hekk wettaq ħsara li kienet tammonta ghal €1165. Huwa kien tressaq il-qorti u ammetta li kien ikkaġuna l-ħsara u talab skuża tal-iżball li kien wettaq. Huwa kien ħallas dak kollu dovut lill-kumpannija (irċevuta annessa u mmarkata bhala DOK C) li min-naħa tagħha kienet tagħtu ċans iħallas b'rati mensili u kienet ukoll naqsitlu l-ammont minn €1165 ghal €900;

(iv) kif jista' jiġi kkonfermat minn sentenzi riċenti ta' dan it-Tribunal, kien hemm persuni li gew rifjutati mill-Kummissarju tal-Pulizija peress li fil-passat kienu wettqu reati ħafna aktar serji minn dawk li wettaq l-esponenti u xorta ingħataw ċans ieħor minn dan l-Onorabbli Tribunal. Każ wieħed minn dawn huwa dak ta' **Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija** (35/2014) deċiż fit-13/11/2014, fejn ir-rikorrent kien fost ohrajn fil-passat instab hati ta' serq, riċettazzjoni, vjolenza kontra uffiċjal pubbliku, denunzja ta' reat li ma' seħħx u anki b'qerq;

(v) għalkemm jaf li żbalja fil-passat, kulħadd għandu jingħata ċans u li ma' jibqax ittimbrat ghall-ħajtu kollha b'mod li ma jingħatax ċans ieħor biex juri li hu ċittadin denju tas-soċjeta';

Il-**Kummissarju tal-Pulizija** ipprezentata risposta fis-27 ta' Mejju 2015 fejn qal:-

1. għal kuntrarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom

biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent

2. fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghall-hrug jew tigdid ta' liċenza ta' Gwardjan Privat, partikolarment fil-kuntest ta' Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal- Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandu l-ebda diskrezzjoni. Jekk wahda jew aktar mic-cirkostanzi stipulati fl-imsemmi artikolu tal-Ligi tissussisti, kif gara fil-kaz in ezami, huwa ghandu jichad it-talba ghall-hrug jew tigdid ta' liċenza ta' Gwardjan Privat;

3. kuntrarjament ghal dak pretiż mir-Rikorrent, ir-reat ta' pussess ta' droga, ir-reat li tiegħu instab hati u ġie ikkundannat ir-Rikorrent, huwa **delitt gravi** li jaqa' appuntu taħt l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. il-fatt li r-rikorrent kien minorenni meta wettaq ir-reat huwa irrilevanti stante li l-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jagħmel assolutament l-ebda kwalifika dwar minorenni jew maġġorenni fiż-żmien li sar ir-reat;

5. il-fatt li llum ir-rikorrent għandu kondotta nadifa huwa irrilevanti ghal każ odjern għaliex fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ta' Gwardjan Privat, tiġi kkunsidrata l-fedina penali tal-applikant u mhux iċ-ċertifikat tal-kondotta u dana billi ċerti reati li għalihom ikun instab ħati l-applikant u l-pieni relattivi ma jibqgħux jidhru fuq iċ-ċertifikat tal-kondotta wara ċertu żmien iżda jibqgħu jidhru fuq il-fedina penali. L-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi persuni li jinstabu ħatja ta' ċerta reati partikolari qatt ma jkunu eliġibbli biex jottjenu liċenzja ta' Gwardjan Privat u għalhekk wieħed ma jistax jistrieħ fuq iċ-ċertifikat tal-kondotta izda fuq il-fedina penali;

6. fejn l-esponent jirrileva li għalkemm hu jaf li żbalja fil-passat, kulħadd għandu jingħata ċans u li ma jibqax ittimbrat għall-ħajtu kollha, jingħad illi ma jfissirx illi għax ma jistax jingħata liċenzja ta' gwardjan privat ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser **biss** illi ma jistax

jagħmel xogħol ta' gwardjan privat propju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponenti. Għalhekk l-esponenti qiegħed jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fiergħa fl-intier tagħhom;

7. dak kollu li intqal fir-rikors promotur fir-rigward tal-kors li qed isegwi r-rikorrent bhalissa huwa irrilevanti ghall-kaz odjern u mhux xi rekwizit sabiex wiehed ikun jista jottjeni liċenza ta' gwardjan privat;

8. ir-rifjut sar ukoll ai termini tal-Artikolu 10(b) ta' Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'sentenza tal-15 ta' Jannar 2016, it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju u laqa' l-appell limitatament dwar ir-rifjut tal-Kummissarju abbażi tal-art. 10(a)(i) u (b) tal-Kap 389.

Il-Kummissarju tal-Pulizija appella mis-sentenza tat-Tribunal bl-aggravju li m'huwiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenzja ta' gwardjan privat lill-appellat. L-appellant isostni li t-Tribunal ma qiesx li l-appellat, minkejja li qabad bid-droga, irrepeta l-iżball u nqabad għat-tieni darba u dan juri nuqqas kbir ta' rispett lejn il-liġi u l-awtoritajiet. L-okkażjoni l-oħra fejn kisser apparat tal-fabbrika li kien jaħdem fiha f'mument ta' frustrazzjoni juru li r-rikorrent huwa bniedem li jsibha diffiċli jikkontrolla lilu nnifsu; karatteristika li mhix kompatibbli mal-karika ta' gwardjan privat. Il-Kummissarju iċċita għadd ta' sentenzi tat-Tribunal, fosthom **David Vincenti v Kummissarju tal-Pulizija** (04.04.2013) u **Carl Grima v Kummissarju tal-Pulizija** (25.09.2012) fejn qies li ma kienx fl-interess pubbliku li tingħata liċenzja ta' gwardjan privat minkejja li ngħatat ordni ta' probation.

Renald Attard wieġeb li l-uniku aggravju tal-Kummissarju hu li l-ħruġ tal-liċenzja mhix fl-interess pubbliku. Huwa jiċċita bran mis-sentenza appellata fejn jingħad li jrid jinżamm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt tal-applikant li jeżerċita l-professjoni ta' gwardjan privat; li din hi kwistjoni ta' raġonevolezza li tinvolvi l-użu tad-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi; diskrezzjoni li trid titwettaq

b'mod raġonevoli, b'ekwita u ħaqq u mingħajr abbuż tal-istess diskrezzjoni. L-appellant ma qalx x'kienu r-reati nvoluti fis-sentenzi minnu ċċitati. Fil-każ *Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija* iċċitat minn Renald Attard quddiem it-Tribunal, ingħatat il-liċenzja minkejja li r-reat involut kien ferm iktar serju. Ir-reati kommessi minn Attard ma jaqgħux fil-kategorija ta' dawk imsemmija fl-art 10(a)(i) li abbażi tagħhom il-Kummissarju rrifjuta li joħroġ liċenzja. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li poġġa fil-miżien l-interess t'Attard u l-interess pubbliku. Din il-Qorti m'għandhiex tindaħal f'din l-evaluwazzjoni.

**Konsiderazzjoni**.

1. B'ittra datata 17 ta' April, 2015 l-appellat ġie nfurmat li l-applikazzjoni ghal-liċenzja ta' gwardjan privat, ġiet rifjutata skond l-Artikolu 10(a)(i) u (b) tal-Att dwar il-Gwardjan Privati u Lokali (Kap. 389).

2. Skond l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389, il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni meta l-applikant ikun instab ħati:

*"f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurta' tal-istat jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjeta aggravata bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor."*

3. Fl-ewwel lok biex jiġi applikat paragrafu (a)(i) hemm bżonn li l-persuna tkun instabet ħatja. F'dan il-każ is-sentenzi li ngħataw kienu *probation* u liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar. It-Tribunal iddeċieda li ordni ta' *probation* u ordni ta' liberazzjoni kundizzjonijata ma jitqiesux bħala sentenzi ta' sejbien ta' ħtija, u dan skond ma jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap. 446). Għalhekk l-appellant ma setax jirrifjuta l-applikazzjoni a bażi tal-paragrafu (a)(i). Issa fir-rikors tal-appell, il-Kummissarju tal-Pulizija ddikjara:

*"Illi filwaqt li l-Kummissarju esponent jaqbel perfettament ma' dik il-parti fejn it-Tribunal irrileva li huwa ma jistax jordna lill-Kummissarju sabiex joħorġ il-liċenzja u filwaqt ukoll li qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tat-Tribunal fuq l-Artikolu 10(a)(i),….."*

Ghalhekk m'hemmx appell minn dik il-parti tas-sentenza.

4. L-aggravju tal-appellant hi dwar iċ-ċaħda tal-applikazzjoni minħabba li qies li kien fl-interess pubbliku li jiċħad dik il-liċenza. Id-deċiżjoni kienet bażata fuq il-fatt li kien hemm tlett sentenzi kontra l-appellant u n-natura tax-xogħol ta' gwardjan privat (ara deposizzjoni tas-Supretendent Ramon Mercieca, fol. 32). Kif sewwa qal it-Tribunal, ix-xhud qal li kieku l-każijiet kienu iżolati, l-appellat kien jingħata l-licenza. Pero' hu evidenti li l-appellant ma kkunsidrax:

   i. L-eta' tal-appellat (twieled fl-20 ta' Ottubru, 1981) meta nstab fil-pussess tad-droga, u ċjoe' fit-13 ta' Marzu 2002 u 22 ta' Settembru 2004. L-applikazzjoni ghal-liċenza saret fl-2015, meta allura l-appellant kellu 34 sena. Il-qorti ma taqbel xejn mal-kumment li ghadda l-appellant fir-rikors tal-appell li *"Certament li meta l-Kummissarju jkun qiegħed jikkunsidra jekk tinħariġx liċenza ta' gwardjan privat ma jistax joqgħod jgharbel u jiżen l-eta' tal-persuna meta tkun għamlet ir-reat…."* (fol. 5). Din hi konsiderazzjoni li tista' tkun ferm rilevanti meta tiġi kkunsidrata ma' ċirkostanzi oħra.

   ii. Is-snin li għaddew minn meta ġraw il-każijiet relatati mal-pussess ta' droga sa meta applika biex jingħata l-licenza. Fir-rigward tal-ewwel każ kienu għaddew 13 il-sena u fir-rigward tat-tieni każ kienu għaddew 11 il-sena.

   iii. Kellux xi każijiet oħra pendenti fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-applikazzjoni.

   iv. Id-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li fl-ewwel każ tat ordni ta' probation u fit-tieni każ illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar.

   v. Għal finijiet tal-liġi Maltija (Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta, Kap. 77), l-appellat hu meqjus bħala

persuna ta' kondotta tajba. Fil-fatt dan hu ċ-ċertifikat li l-appellant stess fl-24 ta' April 2015 ħareġ fil-konfront tal-appellant (fol. 5).

Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma kienx korrett meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq is-sempliċi fatt li kien hemm tlett sentenzi li ngħataw kontra l-appellat relatati ma' pussess ta' droga u ħsara fi proprjeta. L-eżercizzju li kellu jagħmel kien imur oltre. L-appellant kellu jqies ċirkostanzi oħra li kienu rilevanti u mhux jibbaża d-deċiżjoni fuq fatt wieħed. Hekk biss seta' jasal għal deċiżjoni korretta li ma kienx fl-interess pubbliku li l-appellant jingħata liċenza ta' gwardjan privat.

5. Fir-rikors tal-appell intqal ukoll li l-karattru tal-appellat hu wieħed impulsiv u li karattru ta' gwardjan ma' jippermettix li jkun hekk għaliex jinħoloq il-gwaj. F'dan ir-rigward għamel riferenza għall-inċident li fih Attard għamel ħsara f'proprjeta tal-fabbrika Methode Electronics. Pero' minn dak li xehed is-Supretendent Ramon Attard hu evidenti li kieku fil-fedina penali kien jissemma l-każ biss ta' meta l-appellant għamel ħsara f'monitor fil-post tax-xoghol, id-deċiżjoni kienet tkun li l-jingħata liċenza. Għalhekk m'huwiex sew li llum l-appellant jargumenta li l-inċident li seħħ fl-1 ta' Lulju 2011 fil-fabbrika Methode Electronics, juri kemm l-appellat hu ta' temperament ħażin. Dan apparti li inċident iżolat m'huwiex prova li persuna għandha temperament erratiku u li ma tistax tiġi fdata. F'kull każ fl-istadju tal-ipproċessar tal-applikazzjoni ma kien hemm xejn milli jżomm lill-appellant milli jagħmel indaġni biex jaċċerta ruħu dwar jekk l-appellat huwiex *short tempered* u b'hekk jasal ghal deċiżjoni fuq provi konkreti u mhux sempliċi inċident ta' darba.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.